MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 893/2006

**Norbert Miceli Demajo, Lucienne Miceli Demajo, l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo, Jeffrey Miceli Demajo, u ghal kull interess li jista` jkollu l-Avukat Dottor David Gonzi**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

1. Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu (Dok. A), l-attur Norbert Miceli Demajo jigi t-tifel ta` Joseph Miceli u Helena nee` Demajo.

2. L-attur Norbert Miceli Demajo dejjem uza l-kunjom Miceli Demajo u fil-fatt huwa maghruf bhala Norbert Miceli Demajo (Dok. X1, X2, X3, X4, X5 u X6); sahansitra anki fuq il-karta tal-identita` tieghu (Dok B) kunjomu hu Miceli Demajo.

3. Kunjom hu l-attur Norbert Miceli Demajo, u cioe` Anthony, hu Miceli Demajo (Dok. C, D u E cioe` c-certifikat tat-twelid, c-certifikat taz-zwieg u kopja tal-karta ta` l-identita` ta` Anthony Miceli Demajo).

4. L-attur Norbert Miceli Demajo hu mizzewweg lir-rikorrenti Lucienne Miceli Demajo pero` fic-certifikat taz-zwieg taghhom (Dok. F) kunjomu gie erronjament indikat bhala Miceli minflok Miceli Demajo u ghalhekk hemm lok li ssir id-debita korrezzjoni f`dan ic-certifikat.

5. B`rizultat ta` l-imsemmi zball fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti Norbert u Lucienne konjugi Miceli Demajo l-izball gie ripetut:

(a) fic-certifikat tat-twelid ta` binthom r-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo (Dok G) li twieldet fit-30 ta` Awissu, 1978;

(b) fic-certifikat tat-twelid ta` binhom Jeffrey Miceli Demajo (Dok H) li twieled fit-30 ta` Marzu, 1982; u

(c) fic-certifikat taz-zwieg ta` binthom r-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo ma` l-Avukat Dottor David Gonzi (Dok. I).

6. Anki r-rikorrenti Lucienne Miceli Demajo, l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo u Jeffrey Miceli Demajo dejjem uzaw il-kunjom Miceli Demajo (Dok. Y1, Y2, Y3, Y4, Y5, Y6, Y7, Y8 u Y9 – liema dokumenti jinkludu c-certifikat tal-maghmudija tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo Dok. Y5 u c-certifikat tal-maghmudija tar-rikorrenti Jeffrey Miceli Demajo Dok. Y7).

7. Meta zzewget, ir-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo zammet kunjomha ta` xebba.

8. Ghalkemm hemm lok ukoll li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fic-certifikati tat-twelid tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo u tar-rikorrenti Jeffrey Miceli Demajo u fic-certifikati taz-zwieg tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo.

9. Ir-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo taf b`dawn il-fatti kollha personalment.

10. Ghalhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat.

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi kunjom ir-rikorrenti kollha, hlief ghar-rikorrenti l-Avukat Dottor David Gonzi, huwa Miceli Demajo.

2. Tordna lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti Norbert u Lucienne konjugi Miceli Demajo li jgib in-numru progressiv 2698/1977 (Dok. F) billi fil-kolonna “Taghrif dwar ir-ragel mizzewweg Isem u Kunjom” minflok l-kliem “Norbert Miceli” jitnizzlu l-kliem “Norbert Miceli Demajo”.

3. Tordna lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo li jgib in-numru progressiv 5486/1978 (Dok. G) billi:

(a) fil-kolonna “Taghrif dwar missier it-tarbija Isem u Kunjom” minflok il-kelma “Miceli” jitnizzlu l-kliem “Miceli Demajo”; u

(b) fil-kolonna “Taghrif dwar l-omm Isem u Kunjom” minflok il-kelma “Miceli” jitnizzlu l-kliem “Miceli Demajo”.

4. Tordna lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti Jeffrey Miceli Demajo li jgib in-numru progressiv 1943/1982 (Dok. H) billi:

(a) fil-kolonna "Taghrif dwar missier it-Tarbija Isem u Kunjom" minflok il-kelma "Miceli" jitnizzlu l-kliem "Miceli Demajo"; u

(b) fil-kolonna "Taghrif dwar l-Omm Isem u Kunjom" minflok il-kelma "Miceli" jitnizzlu l-kliem "Miceli Demajo".

5. Tordna lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo li jgib in-numru progressiv 1911/2005 (Dok. I) billi:

(a) fil-kolonna "Taghrif dwar il-mara mizzewwga Isem u Kunjom" minflok il-kelma "Melanie Miceli" jitnizzlu l-kliem "Melanie Miceli Demajo"; u

(b) fil-kolonna "Taghrif dwar ix-Xhieda, Isem u Kunjom" minflok il-kliem "Jeffrey Miceli" jitnizzlu l-kliem "Jeffrey Miceli Demajo".

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta.

1. Fir-rigward tar-rikorrent Norbert Miceli l-esponent jirrileva li ai termini ta` l-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili r-rikorrent ghandu dritt li jgib il-kunjom *'Miceli Demajo'* stante li jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru progressiv ta` iskrizzjoni 1582 tas-sena 1950 li huwa it-tifel ta` *'Joseph Anthony Miceli'* u *'Helena Demajo'* pero` ma jaghtihx dritt li jikkoregi l-Att tat-Twelid tieghu stante li dan huwa dokument li jirregistra fatt storiku u jirregistra l-fatti kif kienu fid-data tat-twelid tar-rikorrent. Diment li dak il-fatt storiku gie registrat korrettement kif jidher li gie f`dan il-kaz, ma hemm ebda fundament guridiku ghall-kawza ta` korrezzjoni ta` l-Att tat-Twelid tieghu. Inoltre, fir-rigward tar-rikorrenti l-ohra, hlief ghar-rikorrent Avv. Dottor David Gonzi, jekk jigi ppruvat a sodisfazzjon ta` din l-Onorabbli Qorti li r-rikorrent Norbert Miceli kien fi zmien relattiv juza l-kunjom *'Miceli Demajo'*, l-esponent ma joggezzjonax ghat-talba.

2. Fir-rigward tat-tieni talba dedotta fir-rikors guramentat l-esponent jirrileva li jirrizultalu mill-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti konjugi Norbert u Lucienne Miceli nee` Abela li jgib in-numru progressiv ta` iskrizzjoni 2698 tas-sena 1977 li l-koppja ddikjarat li d-dettalji tar-ragel mizzewweg kienu *'Norbert Miceli'* u hemm il-firem taghhom fuq dan l-Att, pero` jekk jigi ppruvat illi r-rikorrent Norbert Miceli kien fi zmien relattiv juza l-kunjom *'Miceli Demajo'* l-esponent ma joggezzjonax ghat-tieni talba.

3. Fir-rigward tat-tielet talba dedotta fir-rikors guramentat, l-esponent jirrileva illi jirrizulta mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Avv. Dottor Melanie Miceli li jgib in-numru progressiv ta` iskrizzjoni 5486 tas-sena 1978 li dikjarat fuq l-Att tat-Twelid kien l-missier tat-tarbija li ddikjara ruhu bhala *'Norbert Miceli'* u hemm il-firma tieghu fuq dan l-Att, pero` jekk jigi ppruvat illi r-rikorrent Norbert Miceli kien fi zmien relattiv juza l-kunjom *'Miceli Demajo'* l-esponent ma joggezzjonax ghat-tielet talba.

4. Fir-rigward tar-raba` talba dedotta fir-rikors guramentat tar-rikorrent Jeffrey Miceli fuq l-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta` iskrizzjoni 1943 tas-sena 1982 jirrizulta li d-dikjarant fuq dan l-Att kien il-missier tat-tarbija li ddikjara ruhu bhala *'Norbert Miceli'* u hemm il-firma tieghu fuq dan l-Att, pero` jekk jigi ppruvat illi r-rikorrent Norbert Miceli kien fi zmien relattiv juza l-kunjom *'Miceli Demajo'* l-esponent ma joggezzjonax ghar-raba` talba.

5. Fir-rigward tal-hames talba dedotta fir-rikors guramentat li tikkoncerna l-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti Avv. Dottor Melanie Miceli li jgib in-numru progressiv ta` iskrizzjoni 1911 tas-sena 2005 jirrizulta li fil-kolonna li tindika t-taghrif dwar il-mara mizzewga hemm specifikat *'Melanie Miceli'*, fil-kolonna li tindika d-dettalji dwar il-genituri taghha hemm *'Norbert Miceli'* u *'Lucienne Miceli nee` Abela'* u hemm il-firma tar-rikorrenti fuq dan l-Att, pero` jekk jigi ppruvat illi r-rikorrenti kienet fi zmien relattiv tuza l-kunjom *'Miceli Demajo'* l-esponent ma joggezzjonax ghal hames talba.

6. Fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti ta` l-Istat Civili in kwistjoni mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-esponent li ghaldaqstant m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta` l-istanti stante li d-dikjarant fuq Att ta` l-Istat Civili ghandu l-obbligu li jaghti d-dettalji korretti u huwa responsabbli li jivverifika d-dettalji li ddikjara u ffirma ghalihom.

7. Ghandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta` l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant l-esponent ghandu x`jeccepixxi dwar it-talbiet avvanzati fir-rikors guramentat promutur a savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti esibiti.

Ikkunsidrat illi fil-materja ta` bdil ikkunsidrat illi fil-materja ta` bdil f`atti ta` stat civili l-interess ta` terzi huwa konsiderazzjoni essenzjali u huwa l-isfond li fih jigu konsidrati ix-xewqat individwali.

Kif qalet il-Qorti ta` l-Appell fil-kawza John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku "… l-interess tad-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa proprju l-interess ta` dawn it-terzi u cioe` tal-pubbliku", ukoll "Dan hu fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cioe` li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattaw ma` certu individwu jkunu f`posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b`mod kemm jista` jkun komplet". (2 ta` Marzu, 1994).

Ir-rikorrent Norbert Miceli Demajo huwa wild Joseph Anthony Miceli u Helena Demajo. Minn ckunitu kien maghruf bil-kunjom Miceli Demajo u ghalhekk qed jirrizultaw diskrepanzi bejn l-isem u kunjom li juza u l-att civili kollha li jirrigwardaw kemm lilu kif ukoll lil uliedu.

Ir-rikorrent Norbert Miceli Demajo ressaq diversi nies li jixhdu li ilu hafna snin maghruf b`dan il-kunjom. Apparti l-

hafna dokumenti relatati mal-hajja professjonali u personali ta` l-istess Norbert Miceli Demajo, il-Qorti ikkunsidrat zewg fatturi li wkoll wahidhom ghandhom piz kbir – l-ewwel minn dawn huwa l-fatt li r-rikorrent tilef lil missieru f`eta` tenera hafna. Konsegwentement rabbih nannuh matern. Il-Qorti tifhem li kienet konsegwenza naturali li dan it-tifel jibda` juza ukoll l-kunjom ta` ommu ma` dak ta` missieru u dan sabiex, kif tifhem il-Qorti, l-ismijiet jirriflettu n-nuxus li gie stabbilit bejn in-nannu u n-neputi, u dan partikolarment in vista tal-fatt li n-neputi imbaghad dahal fin-negozju tal-istess nannu Demajo.

Il-fattur l-iehor li l-Qorti qieset ir-rilevanza tieghu kienu z-zewg affidavit ta` persuni relatati mar-rikorrent, cioe` huh ikbar minnu Anthony u kuginuh Pierre Balzan Demajo, ukoll ikbar minn Norbert, li t-tnejn ikkonfermaw illi r-rikorrenti minn dejjem uza l-kunjom Balzan Demajo.

Huwa minnu kif jghid l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li l-fatti kif registrati fil-mument tat-twelid tar-rikorrenti Norbert huma korretti. Dan wassal ghas-sitwazzjoni fejn hafna drabi, dawn il-Qrati ma kienux wisq herqana biex izidu kunjom. Pero` dan ghamluh xorta wahda stante il-bzonn dejjemi tal-protezzjoni tat-terz. Hekk ghamlet il-Qorti ta` l-Appell fil-kawza citata aktar ‘il quddiem u l-Prim Awla tal-Qorti Cvili fil-kawza Harold u Hilda konjugi Ellul sive Ellul Mercer vs Direttur tar-Registru Pubbliku (5 ta` April, 2001) u din l-istess Qorti kif presjeduta llum fil-kawza Spiteri sive Spiteri Bailey vs Direttur tar-Registru Pubbliku (13 ta` Lulju, 2007).

Galadarba l-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti minn dejjem uza l-isem Miceli Demajo, it-talbiet l-ohrajn kollha jsegwu dan il-fatt.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi:

1. tilqa` l-ewwel talba illi kunjom ir-rikorrenti kollha, hlief ghar-rikorrenti l-Avukat Dottor David Gonzi, huwa Miceli Demajo.

2. tilqa` t-tieni talba u tordna lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti Norbert u Lucienne konjugi Miceli Demajo li jgib in-numru progressiv 2698/1977 (Dok. F) billi fil-kolonna “Taghrif dwar ir-ragel mizzewweg Isem u Kunjom” minflok l-kliem “Norbert Miceli” jitnizzlu l-kliem “Norbert Miceli Demajo”.

3. tilqa` t-tielet talba u tordna lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo li jgib in-numru progressiv 5486/1978 (Dok. G) billi:

(a) fil-kolonna “Taghrif dwar missier it-tarbija Isem u Kunjom” minflok il-kelma “Miceli” jitnizzlu l-kliem “Miceli Demajo”; u

(b) fil-kolonna “Taghrif dwar l-omm Isem u Kunjom” minflok il-kelma “Miceli” jitnizzlu l-kliem “Miceli Demajo”.

4. tilqa` r-raba` talba u tordna lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti Jeffrey Miceli Demajo li jgib in-numru progressiv 1943/1982 (Dok. H) billi:

(a) fil-kolonna “Taghrif dwar missier it-Tarbija Isem u Kunjom” minflok il-kelma “Miceli” jitnizzlu l-kliem “Miceli Demajo”; u

(b) fil-kolonna “Taghrif dwar l-Omm Isem u Kunjom” minflok il-kliem “Miceli” jitnizzlu l-kliem “Miceli Demajo”

5. tilqa` l-hames talba u tordna lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Melanie Miceli Demajo li jgib in-numru progressiv 1911/2005 (Dok. I) billi:

(a) fil-kolonna “Taghrif dwar il-mara mizzewwga Isem u Kunjom” minflok il-kliem “Melanie Miceli” jitnizzlu l-kliem “Melanie Miceli Demajo”; u

(b) fil-kolonna “Taghrif dwar ix-Xhieda, Isem u Kunjom” minflok il-kliem “Jeffrey Miceli” jitnizzlu l-kliem “Jeffrey Miceli Demajo”.

Peress illi ma giex pruvat li l-konvenut jahti ghal xi zball tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------